# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **154/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**CAIXAN SULTANA** [K.I. NRU. 119991M] **U B'DIGRIET MOGHTI FIT-8 TA' MEJJU, 2018 L-ISEM "CAIXAN SULTANA" GHANDU JAQRA KORRETTEMENT "CIAXAN SULTANA"**

It-Tribunal;

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-19 ta' April, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' sitt mija, tmienja u ghoxrin ewro u erbatax-il ewro centezmi (€628.14c) rapprezentanti servizzi in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija migbura fil-kont bin-numru 40630025 kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, l-ispejjez ta' ittra ufficjali bir-referenza numru 1885/2017 u l-imghaxijiet legali dekorribbli mit-12 ta' Frar, 2018 (data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali).

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-udjenza quddiem dan it-Tribunal tat-13 ta' Gunju, 2018, tramite nota, l-attrici gharrafet lit-Tribunal li l-konvenut kienet hallas l-ammont ta' €200.00c mill-ammont mitlub ta' €628.14c (ara *a fol*. 24). Ghalhekk, l-ammont in kontestazzjoni huwa ta' mitejn, tmienja u ghoxrin ewro u erbatax-il ewro centezmi (€228.14c), apparti l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet kif mitluba fl-att promotur. Dan gie ukoll registrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 bil-gurament tar-rapprezentant tal-kumpannija attrici: "*Dehret Maryanne Camilleri illi bil-gurament taghha iddikjarat illi ghalkemm il-Konvenut f'xi zminijiet kien iwettaq pagamenti akkont, l-istess waqaf milli jkompli jaghmel hekk u llum-il gurnata l-ammont bilancjali dovut lill-Attrici mill-Konvenut hu ta' EUR228.14 u dan kif ukoll muri fin-Nota tal-Attrici a fol.24 tal-process. Maryanne Camilleri kkonfermat id-dokumentazzjoni annessa mal-Avviz tat-Talba a fol.4 sa fol. 6.*" (ara *a fol*. 32).

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra;

Is-sitwazzjoni prezentata bil-prezenti vertenza hija li l-konvenut – ghalkemm ma kkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 (u allura waqa' fi stat ta' kontumacja kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 *a fol*. 32) – implicitament ikkonfessa li hu debitur tal-kumpannija attrici u dan ghaliex hu, spontanjament u minn rajh, hallas cifra akkont fl-ammont ta' €200.00c direttament lill-istess attrici. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament akkont ta' €200.00c imwettaq mill-konvenut huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu, u ghad ghandu, pendenti mal-kumpannija attrici kreditrici. Il-konvenut jidher li wettaq pagament akkont wiehed (dak appena msemmi) u ma ghamilx ohrajn ulterjuri. Dan, ghalhekk, igib li l-vertenza odjerna hi effettivament dwar l-ammont ta' €228.14c li ghadu dovut lill-attrici.

Bhala konsegwenza, tali ammissjoni taghti lok ukoll li l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri u kif ukoll l-imghaxijiet legali fuq is-sorte rimanenti ta' €228.14c (i.e., bhala interessi moratorji *ex* Art. 1141(1) tal-Kodici Civili kombinat mà l-Art. 1130(1) ta' l-istess Kodici) ikunu attribwiti lill-konvenut. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenut ta' parti mid-dejn originali, hu attitra lejh l-obbligu accessorju li jindennizza wkoll kwalsiasi spejjez li dahlet fihom l-attrici kreditrici tieghu ghall-irkupru tal-kreditu u kif ukoll li jissalda l-imghax mitluf mill-istess kreditrici fuq l-imsemmi kreditu mid-data li gie mpoggi *in mora* b'missiva gudizzjarja.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjetà attrici s-somma, kif ridotta, ta' mitejn, tmienja u ghoxrin ewro u erbatax-il ewro centezmi

(€228.14c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fuq l-imsemmi ammont mit-12 ta' Frar, 2018 (data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali nru. 1885/2017 – ara riferta *a fol*. 10)[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk marbuta ma' ittra ufficjali bin-numru 1885/2017, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

**ADDENDUM:**

Skond digriet ta' dan it-Tribunal tal-Hamis, 7 ta' Marzu, 2019, mahrug in virtù ta' l-Art. 825(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess Tribunal ordna li, f'din is-sentenza, minflok il-paragrafu:

*«Fl-udjenza quddiem dan it-Tribunal tat-13 ta' Gunju, 2018, tramite nota, l-attrici gharrafet lit-Tribunal li l-konvenut kienet hallas l-ammont ta' €200.00c mill-ammont mitlub ta' €628.14c (ara a fol. 24). Ghalhekk, l-ammont in kontestazzjoni huwa ta' mitejn, tmienja u ghoxrin ewro u erbatax-il ewro centezmi (€228.14c), apparti l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet kif mitluba fl-att promotur. Dan gie ukoll registrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 bil-gurament tar-rapprezentant tal-kumpannija attrici: "Dehret Maryanne Camilleri illi bil-gurament taghha iddikjarat illi ghalkemm il-Konvenut f'xi zminijiet kien iwettaq pagamenti akkont, l-istess waqaf milli jkompli jaghmel hekk u llum-il gurnata l-ammont bilancjali dovut lill-Attrici mill-Konvenut hu ta' EUR228.14 u dan kif ukoll muri fin-Nota tal-Attrici a fol.24 tal-process. Maryanne Camilleri kkonfermat id-dokumentazzjoni annessa mal-Avviz tat-Talba a fol.4 sa fol. 6." (ara a fol. 32).»*

ghandu jidhol dan il-paragrafu korrettorju:

[1] Dwar id-dekorrenza ta' imghax precedenti talba gudizzjarja (i.e., kawza), it-Tribunal jissenjala dan it-tghalim tal-qrati taghna: *in re* **O'Connor v. Bruno Olivier** (riportata f'*Kollez*. Vol. XVI-I-p84); *in re* **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe** (Appell Inferjuri, 5 ta' Marzu, 2003); *in re* **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Paul Tabone** (Appell Inferjuri, 17 ta' Frar, 2003); *in re* **Spiridione L. Mizzi pro et noe v. Emmanuele Falzon** (Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Frar 1954; riportata f'*Kollez*. Vol. XXXVIII-III-642); *in re* **Carmelo Galea v. Kenneth Mizzi et noe** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001); *in re* **Albert Mallia v. Albert Camilleri et** (Appell Superjuri, 1 ta' Dicembru, 2014); *in re* **Konnekt Talent Search & Selections Co Ltd v. Avantgarde Holdings Ltd** (Appell Inferjuri, 24 ta' Gunju, 2015); u *in re* **TGS Company Limited v. Polidano Brothers Limited** (Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017).

**«Fl-udjenzi quddiem dan it-Tribunal tas-17 ta' Mejju, 2018 u tat-13 ta' Gunju, 2018, tramite zewg noti rispettivi, l-attrici gharrafet lit-Tribunal li l-konvenut kien hallas l-ammont ta' €400.00c mill-ammont mitlub ta' €628.14c (ara *a fol*. 19 u *a fol*. 24). Ghalhekk, l-ammont in kontestazzjoni huwa ta' mitejn, tmienja u ghoxrin ewro u erbatax-il ewro centezmi (€228.14c), apparti l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet kif mitluba fl-att promotur. Dan gie ukoll registrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 bil-gurament tar-rapprezentant tal-kumpannija attrici: "*Dehret Maryanne Camilleri illi bil-gurament taghha iddikjarat illi ghalkemm il-Konvenut f'xi zminijiet kien iwettaq pagamenti akkont, l-istess waqaf milli jkompli jaghmel hekk u llum-il gurnata l-ammont bilancjali dovut lill-Attrici mill-Konvenut hu ta' EUR228.14 u dan kif ukoll muri fin-Nota tal-Attrici a fol.24 tal-process. Maryanne Camilleri kkonfermat id-dokumentazzjoni annessa mal-Avviz tat-Talba a fol.4 sa fol. 6.*" (ara *a fol*. 32).»**

U illi in oltre, fis-sentenza, minflok il-paragrafu:

«*Is-sitwazzjoni prezentata bil-prezenti vertenza hija li l-konvenut – ghalkemm ma kkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 (u allura waqa' fi stat ta' kontumacja kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 a fol. 32) – implicitament ikkonfessa li hu debitur tal-kumpannija attrici u dan ghaliex hu, spontanjament u minn rajh, hallas cifra akkont fl-ammont ta' €200.00c direttament lill-istess attrici. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "Kull ħlas jissoponi dejn" u, allura, tali pagament akkont ta' €200.00c imwettaq mill-konvenut huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu, u ghad ghandu, pendenti mal-kumpannija attrici kreditrici. Il-konvenut jidher li wettaq pagament akkont wiehed (dak appena msemmi) u ma ghamilx ohrajn ulterjuri. Dan, ghalhekk, igib li l-vertenza odjerna hi effettivament dwar l-ammont ta' €228.14c li ghadu dovut lill-attrici*.»

ghandu jidhol dan il-paragrafu korrettorju:

**«Is-sitwazzjoni prezentata bil-prezenti vertenza hija li l-konvenut – ghalkemm ma kkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 (u allura waqa' fi stat ta' kontumacja kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2019 *a fol*. 32) – implicitament ikkonfessa li hu debitur tal-kumpannija attrici u dan ghaliex hu, spontanjament u minn rajh, hallas cifra akkont fl-ammont ta' €400.00c direttament lill-istess attrici. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament akkont ta' €400.00c imwettaq mill-konvenut huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu, u ghad ghandu, pendenti mal-kumpannija attrici kreditrici. Il-konvenut jidher li wettaq zewg pagamenti akkont (dawk appena msemmija) u ma ghamilx ohrajn ulterjuri. Dan, ghalhekk, igib li l-vertenza odjerna hi effettivament dwar l-ammont ta' €228.14c li ghadu dovut lill-attrici**.»